MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 68

KONTINWAZZJONI

14 ta' Diċembru 2016

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 68 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Kien hemm qbil li l-minuti tal-Ewwel Parti tas-seduta Nru. 68, li saret fil-5 ta' Diċembru 2016, jiġu diskussi fis-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2016 (F/1/1/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Lulju u Settembru 2016 kien iktar mill-estimi b'€135,599. Dan irriżulta minħabba li kien hemm dħul dovut taħt il-Fond għat-Titjib Urban (*UIF*) mill-Awtorità tal-Ippjanar, li jammonta għal €92,252, b'rabta mal-proġett tad-dwal li saru ġodda fil-parti t'isfel ta' Santa Marija, filwaqt li kien hemm ukoll €60,000 bħala ħlas bil-quddiem in konnessjoni mal-proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* iffinanzjat taħt il-Programm *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea.

2.1.3. Ġie spjegat li n-nefqa rikorrenti bejn Lulju u Settembru 2016 qabżet l-estimi b'€78,435. Dan billi d-dħul mill-Unjoni Ewropea, msemmija fil-minuta 2.1.2. qed jitqiesu bħala *committment*. Fattur ieħor li kkontribwixxa għal dan kienu l-ispejjeż li saru fuq l-attivitajiet marbuta ma' l-Iljieli Mellehin 2016.

2.1.4. F'dik li hija nefqa kapitali, l-infieq kien inqas mill-estimi €75,788 partikularment minħabba li x-xogħol fuq it-tisbiħ tat-taraġ fi Triq San Publiju beda tard iktar milli kien mistenni. Fattur ieħor kien d-dewmien li kien hemm fil-bdil tal-*play equipment* ta' Ġnien il-Qigħan ikkawżat mill-appell li sar fir-rigward tal-sejħa għall-offerti.

2.1.5. Is-Sur C. Debono qal li fir-rapport ittieħdu in konsiderazzjoni spejjeż kommessi fuq *Road Resurfacing* ta' €175,049 b'rabta max-xogħlijiet li saru fiż-żona Tas-Sellum, flimkien mal-bilanċ fuq Triq Ramlet il-Qortin.

2.1.6. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikah fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2016;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

4.1.2. Is-Segretarju għarraf li s-Sur Paul Cardona fetaħ kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fejn qed jitlob li l-kuntratt dwar is-servizz imsemmi jingħata lilu. Kompla jgħid li verżjoni tal-fatti kif magħrufa għall-Kunsill trid tingħata sa għoxrin jum wara li tqassmet in-notifika msemmija. Is-smiegħ tal-kawża ġiet appuntat għat-8 ta' Frar 2017.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Attività f'Paradise Bay (A/6/3/2/Vol 64)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat12 ta' Diċembru 2016 mibgħuta minn 3SixtyMeetings, fejn qed jintalab il-permess tal-Kunsill sabiex issir attività għal 5,000 persuna, fejn l-ikel u x-xorb ikun jista' jinxtara minn *stands* li jintramaw apposta. L-attività hija maħsuba għal Lulju/Awwissu 2017.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-permess m'għandux jingħata minħabba raġunijiet ta' sigurtà u l-impatt li jħalli n-numru ta' nies indikat, f'post daqshekk ristrett. Ittieħed in konsiderazzjoni li attivitajiet simili f'Paradise Bay kienu twaqqfu mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba raġunijiet ambjentali.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ma tressqet ebda *Purchase Request Form* apparti dik li ġiet ippreżentata fl-ewwel parti tas-seduta.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ma tressqet ebda Skeda tal-Pagamenti apparti dik li ġiet ippreżentata fl-ewwel parti tas-seduta.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Estimi Finanzjarji 2017 (F/1/28)

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-abbozz tal-Estimi msemmija li tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta. Kopja tal-iskedi aġġornati relatati mal-estimi huma mehmuża ma' dawn il-minuti.

7.3. Is-Segretarju spjega li meta wieħed jara d-dħul kontra l-infieq li kien hemm fis-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016, huwa mistenni li din tingħalaq b'bilanċ pożittiv ta' ftit iktar minn €115,000. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-udituri li fl-1 ta' Jannar 2016 kien hemm bilanċ fil-kontijiet tal-bank ta' €685,092 (fl-2015 kien €759,763). Dan għamilha possibbli li s-sena finanzjarja 2017 tibda b'bilanċ pożittiv li jlaħħaq 'il fuq minn €742,000, wara li nqatgħu l-ispejjeż previsti tal-2016. Huwa stmat ukoll li fis-sena 2017 ikun hemm dħul ieħor aparti l-allokazzjoni annwali li jlaħħaq €254,000, mill-Fond għat-Titjib Urban, mill-iskemi mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u drittijiet li jitħallsu għall-ħruġ ta' permessi, eċċ. Flimkien ma' dawn ser ikun hemm l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, li din is-sena se tlaħħaq €1,068,841 – żieda ta' €15,797 fuq tas-sena l-oħra.

7.4. Is-Sur C. Debono spjega li n-nefqa rikorrenti hija stmata li tlaħħaq €1,062,000, li 16% minnha ser jintefqu fuq Salarji, 24% tmur fuq l-Amministrazzjoni, 16% fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, filwaqt

li 44% ser tintefaq fuq Servizzi Kuntrattwali. In-nefqa rikorrenti għall-2017 mistennija li tiżdied fuq dik stmata għall-2016 bi 1.33%. Din iż-żieda jkollha ssir minħabba l-ispejjeż ta' kuntratti ġodda li ngħataw matul l-2016 u dawk li mistennija jidħlu fis-seħħ fl-2017.

7.5. Is-Segretarju qara kull vot u spjega l-kompożizzjoni tiegħu. Mid-diskussjoni li żvolġiet kien hemm qbil li jkun hemm it-tibdil li jidher hawn taħt:

| *Line Item* | Deskrizzjoni | Ammont indikat fl-abbozz sottomess | Ammont approvat mill-Kunsill |
|---|---|---|---|
| 2300(1) | *Patching* ta' toroq | €40,000 | €30,000 |
| 2720 | Kiri ta' trasport | €6,800 | €7,000 |
| 3010 | Manutenzjoni ta' Dwal tat-Toroq | €13,000 | €19,750 |
| 3250 | Taħrig lill-Impjegati | €400 | €2,000 |
| 3260 | Korsijiet organizzati mill-Kunsill | €4,700 | €5,000 |
| 3370 | Attivitajiet Kulturali | €107,000 | €104,000 |
| 3701 | Proġett iffinanzjati mill-U.E. | €90,750 | €27,000 |
| 7311 | *Hardware* tal-kompjuter | €5,000 | €8,000 |
| 7502 | Asfaltar mill-ġdid ta' toroq | €86,000 | €146,000 |
| 7521 | Titjib fi Ġnien Dun Anton Debono | €8,000 | €25,000 |
| 7531 | Titjib fi Ġnien tas-Salib | €10,000 | €25,000 |
| 7517 | Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni | - | €115,000 |

7.6. Il-Kunsill iddeċieda li l-Laqgħat Annwali tal-Lokalità jsiru kif ġej:

- Fis-Sala tal-Kunsill – 17 ta' Jannar 2017 – 7.00pm
- Fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata – 19 ta' Jannar 2017 – 6.15pm

## 8.1. Testijiet fuq l-ilma tal-funtani (K/6/4/1)(P/4/20/Vol IV)

8.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni li l-ilma tal-funtani li hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u dik ta' Ġnejnet il-Kunsill jistgħu jkunu sors ta' infezzjoni, bħalma hija l-legionella. Huwa għaldaqstant ippropona li jsiru testijiet perjodiċi billi dan jista' ikun il-każ, partikularment minħabba l-fatt li huwa faċli ħafna li jkun hemm persuni li jiġu f'kuntatt ma' dan l-ilma.

8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-punt imqajjem fil-minuta 8.2. għandu jiġi diskuss mal-kuntrattur inkarigat mill-manutenzjoni tal-funtani in kwistjoni, peress li huwa magħruf li l-ilma kontinwament jiġi trattat bil-*hydrochloric acid*.

## 9.1. Sħubija fil-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fit-2 ta' Diċembru 2016 saret il-laqgħa ġenerali annwali tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju għas-sena finanzjarja li tkopri bejn Lulju 2014 u Ġunju 2015, flimkien mar-Rapport Amministrattiv. Saret ukoll elezzjoni u ġie elett il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija tilef postu peress li m'għadux jikkwalifika bħala lokalità rurali.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Miżura ta' sigurtà fi Ġnien il-Kenn Soċjali (P/4/10/Vol III)**

10.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ illi ssir xatba fil-ħruġ tal-area tal-bandli li jagħti għal Triq Napuljun Caruana Dingli. Dan peress li t-tfal għandhom tendenza jaljenaw rashom u joħorġu jiġru fit-triq.

10.3. Is-Sindku kkummenta li diġa jeżistu barrikati sabiex it-tfal ma joħorġux direttament għat-triq.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li jinżamm l-arranġament eżistenti.

**AĠĠORNAMENT**

It-Tieni Parti tas-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**